MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 641/1999/1

**Alexander Abela**

**vs**

**Anthony Falzon u b'degriet tal-25 ta' Gunju, 1999, giet kjamata in kawza l-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Marzu, 2001 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250.00) bhala danni sborsati mill-attur bhala konsegwenza ta' incident li gara z-Zejtun, fis-7 ta' Ottubru,

1998, meta waqt li permezz tal-“crane-truck” numru CAG-429 il-konvenut kien qed jerfa’ arblu tad-dawl fil-kantuniera ta’ bejn triq l-Isqof Zahra u Triq Sant’Anglu, huwa laqat u kkaguna qtugh fil-linji tas-sistema tad-distribuzzjoni elettrika bil-konsegwenza li zviluppa voltagg eccessiv li ghamel hsara fil-beni ta’ l-attur, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli;

Oltre l-imsemmija danni il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta’ l-ittra interpellatorja tat-12 ta’ Ottubru, 1998, dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontrih fil-5 ta’ April, 1999, u l-imghax legali mill-5 ta’ April, 1999.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Falzon, prezentata fid-19 ta’ Mejju, 1999, fejn intqal illi huwa mhux responsabbli ghad-danni mitluba mill-attur billi huwa mexa fuq l-istruzzjonijiet ta’ l-ufficjali ta’ l-Enemalta;

Illi huwa wahhal arblu tad-dawl bhala kuntrattur ta’ l-Enemalta fil-post indikat lilu mill-ufficjali ta’ l-Enemalta;

Illi milli jidher wiehed mill-“wires” li kienu ghaddejjin mat-triq u li kellhom jehlu ma’ l-arblu in kwistjoni kien misluh in parti u mikxuf u ghalhekk ma kienx insulat u dan mess ma’ l-arblu u kkawza xort fl-elettriku u nqata’, b’perikolu ghall-esponenti li kien vicin ta’ l-arblu;

Illi fic-cirkostanzi l-Esponent jitlob il-kjamata in kawza ta’ l-Enemalta Corporation.

Ra d-degriet tal-25 ta’ Gunju, 1999, li bih giet kjamata in kawza il-Korporazzjoni Enemalta.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta prezentata fl-14 ta’ Settembru, 1999, fejn intqal illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-Korporazzjoni kjamata in kawza stante li l-istess Korporazzjoni bl-ebda mod ma hija responsabbli ghall-hsarat u ghad-danni sofferti mill-attur;
Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub in linea ta’ danni huwa ferm ezagerat.

Illi b'degriet ta' l-4 ta' Ottubru, 1999, it-Tribunal ordna li l-provi f'din il-kawza jkunu japplikaw ukoll ghall-kawzi fl-ismijiet "George Biggerstaff vs Anthony Falzon" Avviz numru 642/99, u "Godfrey Attard vs Anthony Falzon" Avviz numru 463/99, kif ukoll li l-provi kollha jinstemghu f'din il-kawza.

Semgha x-xhieda ta' P.S.1386 Anthony Agius, Professur Joseph A. Agius, Anthony Farrugia, Alexander Abela, Anthony Falzon, Emanuel Faure, u l-Espert Tekniku l-Inginjier Victor Bonello mahtur mit-Tribunal.

Ra l-verbal tal-4 ta' Novembru, 1999, li fih il-konvenuti ddikjaraw li qed jaqblu li kwalunkwe hsara li setghu garrbu l-atturi kienet ikkawzata mill-"over-voltage", kif ukoll li l-unika kontestazzjoni hi jekk il-konvenut Anthony Falzon hux responsabbli legalment ghal dan l-"over-voltage".

Ra d-degriet tat-3 ta' Frar, 2000, li bih it-Tribunal ordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jesebixxi temporanjament il-wire ta' l-elettriku li jinsab esebit quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar incident li gara fis-7 ta' Ottubru, 1998, fi Triq Isqof Zahra, Zejtun, b'dana illi l-istess "wire" li jigi esebit jigi rtirat mir-Registratur wara s-seduta wara li jkun ezaminat mill-esperti. Ra r-risposta tat-30 ta' Marzu, 2000, prezentata mill-Assistent Registratur fejn informa lit-Tribunal li minn indagini ma kien hemm xejn x'juri li saret inkjesta Magisterjali dwar il-kaz. Illi sussegwentement fis-seduta tat-3 ta' April, 2000, it-Tribunal gie infurmat li l-"wire" in kwistjoni kien gie esebit fis-seduta tad-distrett taz-Zejtun fi proceduri istitwiti mill-Pulizija kontra Anthony Falzon. Illi b'nota prezentata fid-29 ta' Settembru, 2000, ir-Registratur tal-Qorti infurmat lit-Tribunal illi l-"wire" imsemmi kien jinsab anness mal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Anthony Falzon" li kienet giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta taz-Zejtun fl-14 ta' April, 1999.

Ra d-degriet tas-27 ta' Ottubru, 2000, li bih it-Tribunal hatar lil Victor Bonello bhala espert tekniku biex jezamina l-"wire" in kwistjoni.

Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza qed issir ghad-danni kagunati f'"appliances" fil-fond ta' l-attur bhala konsegwenza ta' "short circuit" kawzat waqt xoghol ta' tqeghid ta' arblu ta' l-elettriku fil-kantuniera ta' bejn Triq l-Isqof Zahra u Triq Sant'Anglu, Zejtun.

2. Jirrizulta illi fis-7 ta' Ottubru, 1998, waqt li l-konvenut, li kien il-kuntrattur inkarigat mill-Korporazzjoni Enemalta, kien qed iqieghed arblu tad-dawl fil-post imsemmi, inqata' cable tad-dawl.

3. Is-Surgent tal-Pulizija PS1386 Anthony Agius kien mar fuq il-post wara l-incident, fejn sab lill-konvenut u ha l-versjoni tieghu. Kien mar ukoll fuq il-post ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, Anthony Farrugia.

4. Skond is-Surgent Agius, il-konvenut qallu li waqt li kien qed inizzel l-arblu f'hofra, l-arblu mess "wire" tad-dawl li kien ghaddej minn fuq, liema "wire" kien in-"neutral", u dana mar fuq il-"positive" u tela' l-vultagg fuq il-"live". Minhabba f'hekk jirrizulta li kien hemm diversi nies f'dawk l-inhawi li sofrew danni fil-"household appliances".

Fir-rapport tal-Pulizija, Dok.AA, dwar l-incident redatt mis-Surgent hemm imnizzel hekk:

"……from enquiries it resulted that whilst certain Anthony Falzon was lifting an electrical pole to place it into its hole, accidentally the pole moved, hit the neutral line, in turn the neutral line hit the phase line and as a result the neutral line was cut off."

5. L-istess konvenut jghid dan dwar it-tqeghid ta' l-arblu:

"Biex nghollih naqbad l-arblu min-nofs u inressqu lejn it-toqba. Xi ftit ikun qed iperper."

Biex jaghmel din l-operazzjoni jdum bejn kwarta u ghoxrin minuta, mhux inkluz il-hin li jiehu biex ihaffer. Skond il-konvenut:

“F’dan il-kaz l-arblu kien ghadu miexi u meta mess mal-‘wire’ bi dritt it-toqba qabad jisparkja.”

6. Skond ma xehed Anthony Farrugia, Senior Technical Officer, mal-Korporazzjoni Enemalta, l-arblu kellu jitwahhal fil-post in kwistjoni sabiex isir “shifting” ta’ zewg “wires”. L-arblu tal-metall galvanizzat kien provdut mill-Korporazzjoni. Fejn kellu jitwahhal l-arblu kien hemm “overhead wires”, hamsa b’kollox, tlieta phase, wiehed neutral, u “street lighting”.

7. Kien gie indikat lill-kuntrattur fejn ghandu jtaqqab. Kif jghid l-istess xhud Farrugia:

“Mort mal-konvenut, wrejtu li mhemmx ‘cables’ taht l-art, u minn hemm ha hsieb hu.

Jekk ikun hemm bzonn meta jsiru xogholijiet, naraw hux perikoluz u naqtghu l-provvista.”

Pero` zied jghid ukoll li ghaddew xi jumejn jew tlieta sakemm sar ix-xoghol tat-tqeghid ta’ l-arblu. It-Tribunal jinnota li dana jidher li huwa in regola ma dak li jipprovdi l-kuntratt dwar meta jibda x-xoghol, referibilment ghall-klawsola 10 tad-Dok.EF.

8. Jidher li l-valutazzjoni dwar jekk hemmx perikolu tithalla sa certu punt f’idejn il-kuntrattur. Jekk il-kuntrattur jidhirlu li hemm perikolu biex iwahhal ghandu jinforma lill-Korporazzjoni. Il-Korporazzjoni jidher li tistrieh fuq il-fatt li l-kuntrattur qatt ma ghamel talba ghas-sospensjoni tal-provvista ta’ l-elettriku. Ix-xhud jghid li seta’ kien hemm perikolu f’dan il-kaz, u ghalhekk il-kuntrattur kellu jinfurmahom meta ser jitwahhal l-arblu, sabiex jitfu l-provvista. Ix-xhud Farrugia jghid ukoll li f’dan il-kaz dehrlu li jekk il-konvenut jahdem bil-galbu, mghandux jolqot il-“wires”.

L-istess Farrugia jghid li meta mar fuq il-post, wara l-incident, sab li l-arblu kien gol-linji, bin-'Neutral Wire' maqtugh u mal-art. Innota li l-"wire" maqtugh ma kienx "chiselled". Hu innota li dan il-"wire" kien mahruq tul ta' xi sitt pulzieri. Ix-xhud spjega li Falzon qallu li kien dahhal l-arblu u laqat il-linji, ghalkemm ma ftakarx ezatt x'kien intqal.

Farrugia jispjega wkoll li n-"neutral" u l-"live" jkunu xi sitt pulzieri l-boghod minn xulxin, u li l-"overhead wires" ma jkunux stirati, izda "slagged", pero` jsostni li jekk wiehed jimbotta "wire" dana ma jmissx ma l-iehor, u jimxi lagenba biss xi pulzier.

Ix-xhud inoltre qal li jekk in-"neutral" imiss mal-"live" dan ma jtirx mall-ewwel. Hu nnota li jekk in-"neutral" jmiss mal-"live" mghotti kif inhu ma jkunx hemm "short circuit". Lix-xhud ma rrizultalux li l-"wire" l-imghotti kien b'xi mod imqaxxar.

9. Jirrizulta li l-konvenut Falzon kien gieli tqabbad biex jaghmel xoghol simili mill-Korporazzjoni. Skond ix-xhud Farrugia kien hemm kazi fejn il-konvenut talabhom jitfu l-provvista.

10. Saret referenza ghall-kundizzjonijiet tat-tender, Dok.EF esebit, fejn hemm stipulat fl-Artikolu 10 li l-kuntrattur:

"……………………..shall be responsible for any damage that may be caused to Enemalta, Government and Private Property during the execution of the contract….."

Issa huwa minnhu li l-konvenut kien iffirma t-tender imsemmi, skond ma xehed Emanuel Faure, u kif jirrizulta mid-Dok.EF1, u li kienet inharget il-letter of acceptance" Dok.EF2. Pero` jigi rilevat li tali klawsola b'ebda mod ma tista' tezimi lill-Korporazzjoni kemm il-darba jinsab li kien hemm negligenza da parti taghha.

11. Il-Kwistjoni dwar min ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni tirrisolvi ruhha fuq kif inqata’ l-imsemmi wire. Wiehed irid jezamina jekk dana inqatghax bid-daqqa ta’ l-arblu, jew jekk inqatghax minhabba li mess ma’ wire iehor, jew li l-arblu serva ta’ mezz biex isir kuntatt ma’ “wire iehor”, u b’hekk ixxortja w inharaq, u bhala konsegwenza inqata’.

12. L-attur ipprezenta rapport “ex parte” tal-Professur Joseph Agius, specjalista fil-Power Engineering. Jibda biex jinghad illi t-Tribunal ma hux qed jiskarta dan ir-rapport, u qed jaghtih il-piz li jixraqlu, tenut kont ukoll tal-fatt li l-Professur Agius kien mar jezamina l-fatti dak iz-zmien ta’ l-incident.

13. Fir-rapport tieghu Dok.JA datat 19 ta’ Dicembru, 1998, il-Professur Agius qal li l-linji fejn kien qed jitwahhal l-arblu jikkonsistu f’erba’ “wires” “Three-Phase and neutral, 50Hz, four-wire system.”

Il-Professur Agius jispjega illi:
“….l-voltagg eccessiv li zviluppa fuq il-parti tas-sistema tad-distribuzzjoni elettrika li tissupplixxi l-inhawi ta’ Triq L-Isqof Zahra, gie kkawzat wara li wahda mill-erba’ linji tad-distribuzzjoni elettrika li jissupplixxu l-inhawi ta’ Triq l-Isqof Zahra, u cioe` dik il-linja maghrufa li bhala n-“Neutral Wire”, sfat milquta u maqtugha meta ntlaqtet minn arblu tad-dawl tal-metall waqt li l-arblu kien qed jigi ttrasportat u merfugh minn “mobile crane”…………..Hekk kif in-‘Neutral Wire’ safa maqtugh gie immedjatament zviluppat voltagg zbilancjat bejn il-linji hajjin (phases) individwali u l-bqija tan-‘Neutral Wire’ li gie maqtugh u isolat minn mal provvista ta’ l-elettriku.”

Il-Professur jikkonferma li d-danni li garrbu in-nies ta’ l-inhawi, inkluz l-attur, kienu kkagunati minn vultagg eccessiv (overvoltage) minhabba l-qtugh u telf tan-‘Neutral Wire’. Il-Professur Agius xehed illi kien mar fid-djar ta’ min garrab danni, u kien ra l-“appliances” danneggjati.

Fix-xhieda tieghu l-Professur Agius ma eskludiex l-eventwalita` li kien hemm wire mikxuf li messu l-arblu, u inharaq u wara inqata, ghalkemm skond hu tali eventwalita` hi remota. Il-Professur Agius sostna li l-“wire” inqata’ bl-impatt ta’ l-arblu. Hu spjega li meta qed issahhan “wire” hemm “time delay”, li tista’ tkun ta’ xi tnax il-sekonda, qabel ma jinqata, bhala distint minn qtugh immedjat. Hu spjega wkoll li ma jistghax jaghti bl-ezatt kemm hi t-“time delay” minhabba li mghandux il-fatturi kollha.

Jirrizulta minn dan ir-rapport illi l-Professur Agius ma huwiex qed jeskludi ebda possibilita`, cioe` qed jghid li l-“wire” seta’ inqata’ permezz ta’ daqqa mill-arblu, kif ukoll li dan seta’ stabilixxa kuntatt bejn il-“live wire” u n-“neutral wire” inharaq u sussegwentement inqata’.

14. L-Espert Tekniku l-Inginier Victor Bonello, nominat mit-Tribunal, ezamina l-“wire” l-mahruq li kien gie esebit fil-kawza “Il-Pulizija vs Anthony Falzon” deciza fil-Qorti tal-Magistrati fis-seduta taz-Zejtun fl-14 t’April, 1999.

15. Il-Perit Tekniku hu tal-opinjoni li fil-punt fejn inqata’ l-cable, dan kien suggett ghall-temperatura eccessiva. Innota li dana jirrizulta mit-tibdil fil-kulur ta’ dik il-parti tal-“cable” kif ukoll minn depoziti ta’ metall li jidrhu hemm, b’tali mod li l-metall inhall.

L-Espert Tekniku nnota wkoll li l-metall inhall peress li kien suggett ghall-temperatura gholja, u konsegwentement inqata’. Innota li t-temperatura gholja setghet giet ikkawzata minn kurrent elettriku hafna ghola minn dak li jiflah il-“cable” u li ghadda minn parti zghira ta’ dan il-“cable”. Hu innota li wahda mill-kawzi ghall-temperatura eccessiva tista’ tkun li jkun mess ma’ “cable” “live”. Hu nnota wkoll li jekk jitpogga arblu tal-metall bejn in-neutral li hu mikxuf u parti mikxufa ta’ “live cable” jigi kkawzat “short”.

Meta l-Espert gie mistoqsi mit-Tribunal jekk il-wire li qed jara setghax inqata’ b’daqqa t’arblu, hu wiegeb li dan

<u>inqata' minhabba t-temperatura elevata kif gja qal, u b'hekk inhall.</u>

16. Ghalhekk jidher illi kien hemm zewg fatturi principali li taw lok ghall incident imsemmi. Fl-ewwel lok definitivament kien hemm certa leggerezza da parti tal-kuntrattur fl-esekuzzjoni tax-xoghol tieghu. Dana kien bniedem tas-sengha, li kien hadem gja fuq affarijiet simili, u ghalhekk kien f'posizzjoni li jipprevedi dak li seta' jigri waqt it-tqeghid ta' l-arblu, f'punt delikat bhal ma kien dan fejn kien hemm diversi "overhead wires" ghaddejjin. Jirrizulta fil-fatt "ex admissis" li waqt it-tqeghid tieghu dan l-arblu kien qed iperper. Dana ikkostitwixxa perikolu gravi, u l-konsegwenzi setghu kienu ferm akbar milli fir-realta` kienu. Bl-agir tieghu, dan seta' kien il-kawza tal-qtugh tan-"neutral wire", ghalkemm dan kien ferm improbabbli, tenut kont ukoll tal-fatt li l-istess "wires" ma kienux stirati, u ghalhekk meta jintlaqtu kellhom margini ta' flessibilita`, pero` fi kwalunkwe kaz bit-tperpir kien qed jimbutta "wire" mikxuf biex ihokk mal-"phase".

17. Mill-lat l-iehor hemm provi cari li dan il-"wire" inharaq, u wara inqatgha, u dana mir-resultanzi tal-istess Espert Tekniku. Dana jindika li n-"neutral wire" f'xi mument mess mal-"phase". F'dan il-kuntest ma jistghax jinghata t-tort kollu lill-kuntrattur, ghaliex ir-rapprezentant ta' l-Enemalta kien mar fuq il-post jumejn qabel ma bdew ix-xogholijiet u kien konxju tar-riskju involut.

Kien fid-dmir ta' l-Enemalta li ma thallix l-evalwazzjoni tal-perikolu o meno f'idejn il-kuntrattur, li wara kollux mhux l-espert f'dak il-kamp. Il-Korporazzjoni Enemalta kienet fi dmirha li jekk tara li hemm xi forma ta' riskju, hi tissospendi l-provvista ta' l-elettriku qabel ma jinbdew ix-xogholijiet.

Il-Korporazzjoni Enemalta taf ben tajjeb li l-"phase wires" ghalkemm mghottijin ma humiex isolati kompletament, u dana apparti l-effett taz-zmien fuq l-imsemmija "wires". Ghalhekk anke l-istess Korporazzjoni ghandha terfa r-responsabilita' ghaliex f'cirkostanzi simili hi messa qatghet

il-provvista ta’ l-elettriku, haga li hi mghamlitx, u halliet f’idejn mhux esperti l-evalwazzjoni ta’ jekk taqtghax jew le.

18. Ghall-dawn ir-ragunijiet it-Tribunal hu tal-fehma li sia l-konvenut kif ukoll il-Korporazzjoni Enemalta ghandhom jerfghu l-piz tad-danni sofferti mill-attur f’pizijiet indaqs.

19. Id-danni sofferti kienu gew verifikati mis-Surgent, fil-presenza tal-konvenut u ta’ Anthony Farrugia ghall-Korporazzjoni Enemalta. Fir-rapport dwar l-incident, Dok.AA, is-Surgent nizzel hekk:

“Due to the damaged cable an amount of home appliances in the said road, and in Antonio Micallef Str. sustained damages because the neutral line supplied the said streets.”

Filwaqt li l-Professur Joseph Agius fir-rapport tieghu jghid:

“Il-hsarat fl-apparati elettrici u elettronici domestici gew irrapportati li kienu kagonati minn voltagg elettriku eccessiv (Overvoltage) li nholoq kawza ta’ qtugh ta’ linji tas-sistema tad-distribuzzjoni elettrika tal-Korporazzjoni Enemalta, waqt li kien qed isir xoghol konness ma’ dawn il-linji minn kuntrattur privat.”

Fl-istess rapport hemm elenkati d-danni li gew indikati lis-Surgent, fil-kaz ta’ l-attur dawn kienu:
“Video make Toshiba, CD Player make Sanyo, Alarm Clock make Elf Tone, Cordless Telephone make Sanyo, Radio Casette make Omega, Micro Genius, Play Station, Television Funai.”

Il-hsarat ta’ l-attur, skond ma rrizulta lill-Professur Agius huma elenkati fid-Dok.JA1. Il-Professur Agius kien thallas hamsa u ghoxrin lira Maltija u tletin centezmu (Lm25.30) minghand l-attur ghar-rapport tieghu, u dana skond l-ircevuta Dok.JA6. It-Tribunal hu tal-fehma li ta’ dan ir-rapport li sar “ex parte” mghandhomx ibaghtuh il-konvenut u l-kjamat in kawza.

Id-danni l-ohra jirrizulta ampjament mid-dokumenti AA1 sa AA10. Jigi rilevat li d-Dok.AA4 u id-Dok.AA12, ricevuta minn TipTop Ltd. jirreferu ghall-istess tiswija, kif ukoll d-Dok.AA2 u d-Dok.AA6 mahrug minn Forestals Ltd.. Ghalhekk it-total ta' danni huwa is-segwenti:

Dok.AA1 – Sony tel………………………..…………… Lm48.00

Dok.AA2 u AA6 – Forestals – Sony SPP..………… Lm10.00

Dok.AA3 – Setronics – video recorder Toshiba….. Lm18.00

Dok.AA4 u AA12 – Tiptop Ltd –Sanyo CD player…… Lm6.00

Dok.AA5 – TV Funai…………………………………… Lm30.00

Dok.AA7 – Zejtun Video Centre………………………. Lm2.00

Dok.AA8 – Zejtun Video Center……………………… Lm10.00

Dok.AA9 – Zejtun Video Center……………………… Lm4.00

Dok.AA10 – clock (gdid)……………………………… Lm10.00

Dok.AA11 – Playstation………………..……………… Lm89.00

B'kollox dawn igibu total ta' mitejn sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm227.00), bhala danni sofferti mill-attur.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta pruvata kif fuq inghad, u in kwantu d-danni ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza, minhabba li dak li gara kien tort tat-tnejn, it-Tribunal, qed jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza ihallsu fi kwoti ugwali bejniethom is-somma ta' mitejn sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm227.00), u cioe` mija u tlettax-il-lira Malitja u hamsin centezmu (Lm113.50) kull wiehed, lill-attur, bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Ottubru, 1998, u ta' l-ittra ufficjali prezentata fil-5 ta' April, 1999, ghandhom wkoll jigu

sopportati ugwalment bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza."

Minn din id-decizjoni appellaw kemm il-konvenut Anthony Falzon kif ukoll il-Korporazzjoni Enemalta, imsejjha fil-kawza. Mod jew iehor l-aggravji taghhom jaggiraw dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal fis-sentenza attakkata.

Gja fil-kawza fl-ismijiet "Biagio Muscat –vs- Anthony Falzon et" (Avviz Nru 562/99) deciza wkoll illum, din il-Qorti, fuq il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula ta' fatt u ta' dritt, ikkonkludiet li ghall-incident u ghad-danni skaturati minnu, ghandu jwiegeb il-konvenut Anthony Falzon, kuntrattur inkarigat mill-Korporazzjoni kjamata fil-kawza ghall-addentellar tal-arblu tad-dawl.

Fl-istanza in disamina l-meritu hu konsimili ghal dak ta' l-appell l-iehor imsemmi, tant li t-talba tar-reklamar ghad-danni temergi proprju mill-istess incident tas-7 ta' Ottubru 1998.

Li kieku ma kienux ghal certi aspetti tad-dritt li jridu jigu konsiderati fil-kaz ta' appelli mid-decizjoni tat-Tribunal imwaqqaf bl-Att V ta' l-1995, din il-Qorti kien ikollha b'koerenza maghha innifisha tikkonferma l-konkluzjoni li waslet ghaliha fid-decizjoni fil-kawza appena citata.

Effettivament ma hemm xejn gdid fl-atti processwali f'din l-istanza li jista' jgieghla tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta, kif fuq inghad.

Fil-verita` x-xhieda traskritta tal-espert, l-Inginier Victor Bonello (fol 98) ma introduciet l-ebda element gdid. Dan l-espert ezamina l-wire minn "occhio" purament kliniku minghajr rabta jew rapport mal-fatti. L-opinjoni tieghu kienet limitata ghal kostatazzjoni teknika tal-verifika tieghu fuq il-wire. Kien naturali li hu jikkummenta fuq l-effett u r-raguni ta' kif inqala' l-wire meta tenna li dan inhall minhabba t-temperatura gholja. Imma ma setax jadduci l-"causa causans" primarja ta'dak li wassal biex l-istess wire jisparkja, jinharaq, jinhall u jinqata'. Dak il-fatt seta'

rrizulta, kif fil-fatt hekk irrizulta, mill-konfessjoni tal-istess konvenut fejn ‘a tempo vergine’ stqarr mas-Surgent inkwirenti li hu kien laqat il-wire bl-arblu.

Dan stabbilit, u ghalkemm ma pprezenta l-ebda risposta ghall-appelli interposti, eppure, imbaghad, b’verbal fl-udjenza tal-14 ta’ Gunju 2002 l-attur issolleva b’eccezzjoni, l-inappellabilita`.

Skond l-Artikolu 8 (2) tal-Kap 380 appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar jista’ jsir biss fil-kazijiet hemm kontemplati. Ghal dak li jista’ jghodd subparagrafu (d) tieghu jipprovdi ghall-appell bhal dan “meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella”.

In tema fuq dan l-aspett gie ritenut illi “huwa mportanti illi d-disposizzjonjiet ta’ l-Att V ta’ l-1995 li jillimitaw id-dritt ta’ appell ma jigux estizi indebitament kontra l-volonta` tal-legislatur. Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta’ din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza ta’ l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri ta’ appellabilita` prevista mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f’dawk il-parametri allura d-dover ta’ din il-Qorti huwa li jiddikjara l-istess appell bhala irritu u null” – “**John Attard –vs- Charles Agius**”, Appell, 14 ta’ Gunju 2001; “**Gasan Insurance Agency Limited noe –vs- The Cargo Handling Company Limited**”, Appell, 13 ta’ Jannar, 1999.

Meta wiehed jezamina l-parti razzjonali tas-sentenza appellata jigi notat illi l-valutazzjoni tat-Tribunal kienet tirpoza esklusivament fuq il-punt ta’ kif inqata’ l-wire. Kien biss fuq l-apprezzament ta’ dan il-fatt mill-provi illi mbaghad it-Tribunal irrizolva l-kwestjoni tar-responsabilita`.

Ma jirrizulta minn imkien li t-Tribunal ghamel xi gudizzju ta’ ekwita`, u biex jinghad kollox l-aggravji tal-appellanti, kif dedotti, ma ikkontestawx dan il-gudizzju mil-lat ekwitattiv.

It-Tribunal sejjes ir-ragjonament tieghu fuq mera evalwazzjoni tal-fatt u iffonda l-parti dispositiva tal-gudizzju tieghu essenzjalment fuq konsiderazzjonijiet fattwali li hargu mill-provi.

Issa kif jirrizulta mill-korp tad-decizjoni pronunzjata illum stess fil-kawza “Biagio Muscat –vs- Anthony Falzon et” l-Qorti hemm issindikat il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti in materja tal-apprezzament tal-provi. Dan ghamlitu ghal zewg motivi. Fl-ewwel lok ir-regola gurisprudenzjali li Qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax dan l-apprezzament mhiex wahda assoluta. Fit-tieni lok, irrizultawlha gustifikazzjoni bastanti biex tinduciha tindahal fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

F’dan il-kaz il-latitudini ta’ Qorti ta’ revizjoni hi aktar ristretta, konsiderati n-normi precizi u limitatissimi fil-kazijiet cirkoskritti fl-Att imsemmi.

Kif ravvizat fis-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, “in essenza din il-Qorti thossha skomda li tipprova, anke fl-isfond tal-principji li bihom jiddeciedi t-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar, li tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-istess Tribunal li ma jidhirx li b’xi mod tista’ tikkwalifika bhala wahda in vjolazzjoni tal-principji ta’ imparzjalita` u ekwita`” – “**Gasan Insurance Limited –vs- Doris Zammit**”, 9 ta’ Jannar 2001.

L-appelli huma ghalhekk improponibbli u l-eccezzjoni tal-attur appellat f’dan ir-rigward tirrizulta ghal kollox sostenuta.

Ghal dawn il-motivi z-zewg appelli qed jigu rigettati u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi jigu ugwalment sopportati bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

---------------------------------TMIEM---------------------------------